# FIL-QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs.**
**Patrick MANGION**

**Att t'akkuża numru: 15/2021**

**Illum 20 ta' Ġunju 2023**

**Il-Qorti,**

1. Rat l-att ta' akkuża miġjuba fil-konfront ta' **Patrick MANGION**, 48 sena, iben Anthony u Joan nee Camilleri, imwieled Ħal-Qormi u residenti Valletta, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 68773M li ġie akkużat talli:

**<u>L-EWWEL KAP</u>**

**<u>Il-fatti:</u>**

Andrew Bondin, raġel ta' wieħed u tmenin (81) sena', minkejja li penzjonant, kien involut fis-suq tal-propjeta, fis-sens li meta tiġiħ opportunita ta' bejgħ jew xiri ta' xi biċċa propjeta, huwa kien jidħlilha biex jinnegozjaha. Kien ukoll dilettant tal- krugerrands (muniti tad-deheb), li huma muniti li huwa kien igemma u jinnegozja.

Fil-fatt, fil-wieħed u tletin (31) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), Andrew Bondin kellu fuq il-persuna tiegħu, tnax (€12,000) il-elf ewro fi flus kontanti kif ukoll sitt krugerrands tal-1/10 oz fil-kartiera tiegħu.
Jum fost l-oħrajn, l-akkużat **Patrick Mangion** iddeċieda illi jisraq lil Andrew Bondin, għaldaqstant, nhar il-wieħed u tletin (31) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), waqt li Bondin kien għall-affari tiegħu ġewwa l-garage tiegħu fi triq il-Ġdida Ħal-Luqa, l-akkużat **Patrick Mangion** saq għal quddiem il-garaxx ta’ Bondin b’karozza Mazda Demio bin-numru ta’ reġistrazzjoni TKN470, propjeta tal-*partner* tiegħu, niżel mill-karozza u beda jkellmu biex jaljenaħ. Beda jgħidlu li hu kien Għawdxi u li kien jixtri u jbiegħ il-karozzi, u li kien interessat li jixtri il-karozza ta’ Bondin. Din il-konverżazzjoni kienet qiegħdha ssir sabiex l-akkużat jaljena lil Bondin, idaħħlu aktar il-ġewwa fil-garage u dana sabiex huwa jkun jista’ jwettaq il-pjan tiegħu. Filfatt meta Andrew Bondin u l-akkuzat **Patrick Mangion** kienu il-ġewwa fil-garage, l-akkużat imbutta lil Bondin b’ċertu forza tant li waqqaw mal-art, tant li kkaġunalu ġrieħi ta’ natura ħafifa, ħadlu l-kartiera bil-forza u meta l-vittma, raġel anzjan, ipprova jqum, l-akkużat reġa mbuttaħ u waqqaw. Minkejja l-eta’ tiegħu, Bondin ipprova jirreżisti u jieħu l-kartiera lura fil-pussess tiegħu iżda ma rnexxilux, fil-fatt kien hemm xi flus u muniti li waqaw mal-art, u l-akkużat aċċerta ruħu li jiġbor sa l-aħħar ċenteżmu qabel ma jaħrab. L-akkużat effettivament, wara li ġabar kull ma ried jiġbor, ħarab jiġri l-barra minn ġol-garage, daħal ġewwa l-istess karozza li kien ħareġ minn ġo fiha u ħarab minn fuq il-post bi tnax il-elf ewro (€12,000) u sitt (6) krugerrands (muniti tad-deheb) tal-1/10oz il-waħda li skond il-valutazzjoni tal-espert tal-qorti kienu jiswew elf u mitejn u disa u tletin ewro (€1,239.00) li kienu kollha tal-vittma.
Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija, fosthom minn analizi ta’ filmati ta’ CCTV, irrizulta illi l-persuna li kienet qieghdha ssuq il-vettura fuq imsemmija u li wettqet din is-serqa ma kien hadd hlief l-akkuzat **Patrick Mangion**. Mogħnija b’ din l-informazzjoni, il-Pulizija urew lil Andrew Bondin ritratti ta’ diveri persuni li minnhom, Bondin identifika lill-akkużat **Patrick Mangion** bħala l-persuna li effettivament dahal fil-garaxx tieghu u serqu dakinhar tal- wieħed u tletin (31) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019);
Illi di piu, l-akkużat **Patrick Mangion** rrenda ruħu reċediv stante illi permezz ta’ numru ta’ sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta’ diversi reati, fosthom reati ta’ serq.

Dawn is-sentenzi huma:
*- Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Patrick Mangion moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Neville Camilleri nhar il-5 ta' Mejju 2015;*
*- Il-Pulizija (Spettur Silvio Valletta) (Spettur Anthony Portelli) vs Patrick Mangion et al moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr. Michael Mallia B.A., LL.D. nhar is-17 ta' Settembru 2012;*
*- Il-Pulizija (Spettur Anthony Portelli) (Spettur Carlo Ellul) vs Patrick Mangion et moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D, nhar id-19 ta' Mejju 2011;*
*- Il-Pulizija (Spettur Anthony Portelli) (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Patrick Mangion et moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D, nhar il-21 ta' Frar 2011;*

**Il-Konsegwenzi:**

Illi b'għemilu l-akkuzat **Patrick Mangion**, sar ħati ta' serq aggravat, u cioe talli fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru 2019, ġewwa dawn l-Gżejjer, senjatament ġewwa triq il-Ġdida Hal-Luqa, ikkommetta serq ikkwalifikat bil-vjolenza u l-valur (li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) fuq persuna, cioe Andrew Bondin, liema persuna tkun ghalqet l-eta' ta' sittin sena.
Illi di piu, bil-kommissjoni tar-reat fuq imsemmi, l-akkuzat **Patrick Mangion** irrenda ruhu recediv wara li b'diversi sentenzi mogħtija mill-qrati maltin, l-akkużat instab ħati ta' diversi reati, fosthom reati ta' serq.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Republika ta' Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, jakkuża quddiem din l-Onorabbli Qorti Kriminali lill-imsemmi **Patrick Mangion** hati talli fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru 2019, ġewwa dawn l-Gżejjer, senjatament ġewwa triq il-Ġdida Hal-Luqa, ikkommetta serq ikkwalifikat bil-vjolenza u l-valur (li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) fuq persuna, cioe Andrew Bondin, li tkun ghalqet l-eta' ta' sittin sena jew fuq

persuna li tkun tbati minn marda tal-gisem jew tal-mohh fi grad li minhabba fiha ma tkunx tista' taghmel rezistenza xierqa.
Inoltre, l-Avukat Ġenerali jaddebita lill-akkużat **Patrick Mangion** bir-reċediva wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati, fosthom reati ta' serq. Dawn is-sentenzi huma:
*- Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Patrick Mangion moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Neville Camilleri nhar il-5 ta' Mejju 2015;*
*- Il-Pulizija (Spettur Silvio Valletta) (Spettur Anthony Portelli) vs Patrick Mangion et al moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr. Michael Mallia B.A., LL.D. nhar is-17 ta' Settembru 2012;*
*- Il-Pulizija (Spettur Anthony Portelli) (Spettur Carlo Ellul) vs Patrick Mangion et moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D, nhar id-19 ta' Mejju 2011;*
*- Il-Pulizija (Spettur Anthony Portelli) (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Patrick Mangion et moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D, nhar il-21 ta' Frar 2011;*

**<u>Il-Piena:</u>**

U jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat **Patrick Mangion** u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn ħames (5) snin sa tletin (30) sena u dan skond l-artikoli 17, 20, 31, 49, 50, 261(a)(ċ), 262(1)(a)(2), 267, 274(ċ), 276, 276A, 277(a), 279(b), 280(2)(3), 289, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall-kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**<u>IT-TIENI KAP</u>**

**<u>Il-Fatti:</u>**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-ewwel (1) kap ta’ dan l-Att ta’ Akkuza u cioe fil-wieħed u tletin (31) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) l-akkużat **Patrick Mangion** aċċeda ġewwa l-garage t’Andrew Bondin, sitwat fi triq il-Ġdida Ħal-Luqa bil-għan li jisraq lill-istess Bondin. Wara li acceda ġewwa l-imsemmi garage, l-akkuzat **Patrick Mangion**, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja t’ Andrew Bondin f’ periklu ċar imbutta lil Bondin u waqqgħu mal-art għal darba darbtejn tant li kkaġunalu offiża ta’ natura ħafifa. Andrew Bondin dakinhar kellu wieħed u tmenin (81) sena u għaldaqstant din l-offiża hija aggravata fit-termini tal-ligi.

Illi di piu, l-akkużat **Patrick Mangion** rrenda ruħu reċediv stante illi permezz ta’ numru ta’ sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta’ diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:
*- Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Patrick Mangion moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Neville Camilleri nhar il-5 ta’ Mejju 2015;*
*- Il-Pulizija (Spettur Anthony Portelli) (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Patrick Mangion et moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D, nhar il-21 ta’ Frar 2011;*

**Il-Konsegwenzi:**

Illi għalhekk b’għemilu l-akkużat **Patrick Mangion**, sar ħati t’ offiża ħafifa fuq il-persuna u cioe talli fil-wieħed u tletin (31) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), ġewwa dawn l-Gżejjer, senjatament ġewwa triq il-Ġdida Hal-Luqa, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ ħaddieħor (Andrew Bondin) f’periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta’ Andrew Bondin, persuna li għalqet l-eta ta’ sittin sena, liema offiża hija ta’ natura ħafifa.
Illi di piu, bil-kommissjoni tar-reat fuq imsemmi, l-akkuzat **Patrick Mangion** irrenda ruhu recediv wara li b’diversi sentenzi mogħtija mill-qrati maltin, l-akkużat instab ħati ta’ diversi reati.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, jakkuża quddiem din l-Onorabbli Qorti Kriminali lill-imsemmi **Patrick Mangion**, ħati ta' offiża ħafifa fuq il-persuna u cioe talli fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), ġewwa dawn l-Gżejjer, senjatament ġewwa triq il-Ġdida Hal-Luqa, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor (Andrew Bondin), f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Andrew Bondin, persuna li ghalqet l-eta ta' sittin sena, liema offiza hija ta' natura hafifa.

Inoltre, l-Avukat Ġenerali jaddebita lill-akkuzat **Patrick Mangion** bir-reċediva wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:
*- Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Patrick Mangion moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Neville Camilleri nhar il-5 ta' Mejju 2015;*
*- Il-Pulizija (Spettur Anthony Portelli) (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Patrick Mangion et moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D, nhar il-21 ta' Frar 2011;*

**<u>Il-Piena:</u>**

U jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat **Patrick Mangion** reċidiv f'delitt, jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għall-perjodu ta' mhux iżjed minn hames snin (5) skond l-artikoli 17, 31, 49, 50, 214, 215, 221(1), 222A(1), 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall-kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**<u>IT-TIELET KAP</u>**

**<u>Il-Fatti:</u>**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-ewwel kap ta' dan l-Att ta' Akkuża u cioe fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax

(2019) l-akkużat **Patrick Mangion** ikkommetta serq aggravat u ferita ħafifa a dannu ta' Andrew Bondin ġewwa triq il-Ġdida Ħal-Luqa.

Illi jirriżulta li nhar l-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-akkużat **Patrick Mangion** ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest fil-kawża Il-Pulizija (Spettur Saviour Baldacchino) vs Patrick Mangion et (per Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo), liema digriet ġie varjat parzjalment permezz ta' digriet sussegwenti tat-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018). Fost l-obbligi marbuta mal-għoti tal-ħelsien mill-arrest kien hemm l-obbligu li l-imputat ma jikkommettix reat ieħor.

Għaldaqstant, bil-kommissjoni tar-reati speċifikati fiż-żewġ kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża, l-akkużat **Patrick Mangion** naqas milli josserva xi kundizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tat il-ħelsien mill-arrest, b'dana illi meta kien hekk meħlus mill-arrest, ikkommetta delitt (serq aggravat u ġriehi ħfief) li ma jkunx ta' natura involontarja.

**Il-Konsegwenza:**

Illi għalhekk b'għemilu l-akkużat **Patrick Mangion**, sar ħati ta' ksur ta' digriet tal-ħelsien mill-arrest u cioe talli fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fil-kawża Il-Pulizija (Spettur Saviour Baldacchino) vs Patrick Mangion et (per Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo), fid-digriet tagħha li bih tatu l-ħelsien mill-arrest nhar l-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) hekk kif varjat parzjalment fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018).

**L-akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem Ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet aktar l-fuq msemmija f'dan l-att tal-Akkuża, jakkuża quddiem din l-Onorabbli Qorti Kriminali lil **Patrick Mangion** ħati talli fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru 2019, naqas milli jħares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti (fil-kawza Il-Pulizija

(Spettur Saviour Baldacchino) vs Patrick Mangion et (per Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo), fid-digriet tagħha li bih tatu l-ħelsien mill-arrest nhar l-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) hekk kif varjat parzjalment fit-tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018).

**Il-Piena:**

U jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Patrick Mangion** u illi jiġi ikkundannat għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija ghal zmien ta' erbgħa (4) xhur sa sentejn (2), jew għal multa u priġunerija flimkien, u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taht garanzija jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

**IR-RABA KAP**

**Il-Fatti:**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-ewwel kap ta' dan l-Att ta' Akkuża u cioe fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) l-akkużat **Patrick Mangion** ikkommetta serq aggravat u ferita ħafifa a dannu ta' Andrew Bondin ġewwa triq il-Ġdida Ħal-Luqa.

Illi jirriżulta li nhar is-sbatax (17) t' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) l-akkużat **Patrick Mangion** ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest fil-kawża Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) vs Patrick Mangion (per Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech). Fost l-obbligi marbuta mal-għoti tal-ħelsien mill-arrest kien hemm l-obbligu li l-imputat ma jikkommettix reat ieħor.

Għaldaqstant, bil-kommissjoni tar-reati speċifikati fiż-żewġ kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża, l-akkużat **Patrick Mangion** naqas milli josserva xi kundizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet tagħha li biħ tat il-ħelsien mill-arrest, b'dana illi meta kien hekk meħlus mill-arrest, ikkommetta delitt (serq aggravat u ġrieħi ħfief) li ma jkunx ta' natura involontarja.

**Il-Konsegwenza:**

Illi għalhekk b'għemilu l-akkuzat **Patrick Mangion**, sar ħati ta' ksur ta' digriet tal-helsien mill-arrest u cioe talli fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fil-kawza Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) vs Patrick Mangion (per Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech) fid-digriet taghha li bih tatu l-helsien mill-arrest nhar is-sbatax (17) t' April tas-sena elfejn u dsatax (2019)

**L-akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem Ir-Republika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet aktar l-fuq msemmija f'dan l-att tal-Akkuża, jakkuża quddiem din l-Onorabbli Qorti Kriminali lil **Patrick Mangion** ħati talli fil-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru 2019, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fil-kawza Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) vs Patrick Mangion (per Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech) fid-digriet taghha li bih tatu l-helsien mill-arrest nhar is-sbatax (17) t' April tas-sena elfejn u dsatax (2019).

**Il-Piena:**

U jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Patrick Mangion** u illi jiġi ikkundannat għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erbgħa xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien, u l-ammont sabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ppreżentata mill-akkużat nhar il-31 t'Awissu 2021 fejn huwa eċċepixxa s-segwenti:

A. **Nullita' tal-Atti Kumpilatorji**:

1. In-nullita' tal-atti kumpilatorji fl-intier tagħhom billi meta l-Avukat Ġenerali irriskontra difetti u talab korrezzjoni fl-atti kumpilatorji

f'total ta' tlett (3) rinviji[1] huwa għamel dan b'rinviju ordinarju taħt l-artikolu 405 minflok b'rinviju taħt l-artikolu 432 *ossia* rinviju tal-ħamest (5) ijiem li bih ikun jesiġi li l-Qorti Istruttorja terġa tikkonduċi l-kompilazzjoni mill-ġdid in forza tal-artikolu 432(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

B. **L-Att ta' l-Akkuża**:

1. In-nullita tat-tieni (2) Kap tal-Att t' Akkuża billi jinkludi assunzjonijiet u konġetturi li ma joħorġux mill-atti tal-Istruttorja, senjatament fejn hemm allegat li l-akkużat kkaġuna lid-derubat ferita ta' natura ħafifa. Dan jingħad fl-isfond tal-fatt li kien l-istess derubat li fix-xhieda tiegħu[2] tenna li ma kien soffra ebda' ġrieħi u *di piu* tifli kemm tifli fl-atti proċesswali imkien ma jemerġi li xehed xi tabib li ċċertifika l-ġrieħi allegatament sofferti mid-derubat Bondin.

2. In-nullita' tal-ewwel (1) u t-tieni (2) Kapi ta' l-Att t'Akkuża billi fil-parti akkużatorja tagħhom issir referenza għall-addebitu tar-reċidiva inkluż elenku ta' sentenzi li permezz tagħhom l-akkużat ġie preċedentament ikkundannat u dana billi a tenur tal-artikolu 489 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-addebitu tar-reċidiva ma tistax tinġieb a konjizzjoni tal-ġurati fil-kors tal-ċelebrazzjoni tal-ġuri iżda tinġieb a konjizzjoni biss *in segwitu* ta' verdett fl-eventwalita' ta' sejbien ta' ħtija.

3. Mingħajr preġudizzju iżda b'mod alternattiv għal-punt preċedenti, *ossia* għal punt numru tnejn (2), li jiġi żgurat li sal-mumment li jingħata verdett mill-ġurija, ma ssir ebda' referenza għall-passat refrettarju tal-akkużat inkluż għalhekk kull referenza għall-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kwalsiasi sentenza li permezz tagħha l-akkużat ġie misjub ħati u dana sabiex jiġi rispekjat il-vot tal-artikolu 489 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Billi l-akkużi li bihom huwa mixli l-akkużat fit-tielet (3) u r-raba' (4) Kapi ta' l-Att ta' Akkuża kapaċi jissussistu biss fl-eventwalita' li tinstab ħtija tal-ewwel (1) u t-tieni (2) Kapi t'Akkuża, għandu jiġi żgurat li dawn iż-żewġ Kapi, *ossia* t-tieliet (3) u r-raba' (4) Kapi ma jinġiebux a konjizzjoni tal-ġurati tul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri

iżda biss wara li jingħata verdett u biss fl-eventwalita' li tinstab ħtija tal-ewwel żewġ Kapi t' Akkuża.

C. **Inammissibilita' ta' Provi**:

1. L-inammissibbilita' u l-konsegwenti sfilz ta' kull prova u referenza għall- identifikazzjoni tal-akkużat li nġiebet mill-Prosekuzzjoni fil-kors tal-Istruttorja inkluż u senjatament l-*identification parade* li nżammet fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija[3] u dana billi tali eżerċizzju ta' identifikazzjoni ma jirrispekjax il-vot tal-liġi u t-tagħlim ġurisprudenzjali nostran in materja.

2. L-inammissibilita' u l-konsegwenti sfilz tal-atti kumpilatorji ta' dawk il-partijiet tat-testimonjanza u kull fejn saret referenza għal filmati estratti minn CCTV kameras u kwalsiasi *stills* minnhom meħuda u dana billi s-sidien nfushom tal-postijiet mnejn ġew elevati l-filmati su riferti ma nġibux sabiex jixhdu u kwindi kull riferenza li fl-atti proċesswali saret għal dawn il-filmati tammonta biss għall-*documentary hearsay evidence*. Senjatament, l-eċċipjenti qiegħed hawn jirreferi għas-segwenti:

   (a) Dawk il-partijiet fit-testimonjanza tax-xhud PC195 Melvyn Calleja[4] fejn saret referenza għal filmati estratti minn CCTV kameras u kwalsiasi *stills* minnhom meħuda, inkluż għalhekk ir-rapport minnu redatt [Dok MC[5]];

   (b) Ix-xhieda tal-espert tal-informatika Keith Cutajar[6] u kif ukoll ir-relazzjoni [Dok. KC[7]] minnu debitament mħejjija u dana billi l-inkarigu tal-istess Cutajar kien unikament jirrivolvi fuq is-CCTV *footages* de quo, li kif ingħad kull riferenza li saret għalihom tikkostitwixxi *documentary hearsay evidence* u kwindi inammissibli fil-liġi.

   (c) Dik il-parti tax-xhieda[8] tal-uffiċjal prosekutur Spettur Hubert Cini kull fejn saret referenza għas-CCTV kameras de quo u l-filmati minnhom meħuda.

---

[3] Dok. HC2 – esebit in atti a fol. 37 tal-atti proċesswali.
[4] Ta' nhar l-4 ta' Diċembru 2019 – folio 60 et seq u ta' nhar it-13 ta' Mejju 2020 – folio 103 et seq.
[5] Folio 63 et seq.
[6] Ta' nhar l-4 ta' Awwissu 2020 – folio 125 et seq.
[7] Folio 127 et seq.
[8] Folio 29 et seq.

3. L-inammissibilita u l-konsegwenti sfilz tax-xhieda ta' Helenio Galea[9] li ġie mitlub sabiex jesebixxi rapport [Dok. HG[10]] senjatament *case data report* li jelenka d-drabi li l-akkużat Patrick Mangion kien residenti ġewwa l-Faċilita' Korretiva ta' Kordin u dana billi t-turija ta' tali rapport lill-ġurati ser ikollu effett negattiv fuqhom bil-konsegwenti preġudizzju għall-akkużat.

4. L-inammissibilita' u l-konsegwenti sfilz, għall-istess raġuni mressqa fil-punt preċedenti *ossia* fil-punt numru tlieta (3), tax-xhieda ta' SM049 Christopher Lautier[11] u d-dokument minnu esebit [Dok. CL[12]] u dana billi saret referenza għal sentenza ta' priġunerija li l-akkużat Patrick Mangion kien qiegħed jiskonta f'dak il-perijodu ta' żmien.

5. L-inammissibilita' u l-konsegwenti sfilz tax-xhieda tal-espert Sergio Zampa[13] u r-rapport minnu debitament ippreżentat [Dok. SZ[14]] billi l-evalwazzjonijiet minnu kondotta qua espert maħtur fl-Istruttorja sabiex jikkonstata l-valur ta' 1/10 oz *Krugerran Gold Coins* saru fl-assenza tal-akkużat u dana bi ksur tal-artikolu 650(5) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. L-inammissibilita' u l-konsegwenti sfilz tax-xhieda ta' David Borg billi minn imkien ma jirriżulta li l-istess Borg ingħata xi inkarigu jew ġie nominat fl-atti ta' dawn il-proċeduri sabiex jagħti opinjonijiet u/jew kostatazzjonijiet dwar il-valur tad-deheb.

3. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet relattivament għal dawn l-eċċezzjonijiet preliminari;

**Ikkunsidrat**

4. Fl-ewwel eċċezzjoni l-akkużat qiegħed jippretendi li l-atti tal-kumpilazzjoni jiġu dikjarati nulli peress li l-Avukat Ġenerali għamel talba għal korrezzjoni fl-atti tal-kumpilazzjoni għal tliet darbiet taħt

---

[9] Ta' nhar il-15 ta' Settembru 2020 – folio 218 et seq.
[10] Folio 220 et seq.
[11] Ta' nhar it-13 ta' Mejju 2020 – folio 99 et seq.
[12] Folio 101 et seq.
[13] Ta' nhar il-25 ta' Ġunju 2020 – folio 113 et seq u ta' nhar id-19 ta' Ottubru 2020 – folio 282 et seq.
[14] Folio 284 -285.

id-disposizzjonijiet tal-artikolu 405 meta din kellha ssir taħt l-artikolu 432(3) tal-Kodiċi Kriminali.

5. Fir-rinviju tal-25 ta' Frar 2020 l-Avukat Ġenerali kienet talbet biex jerġa jinstema' l-Uffiċjal Prosekutur sabiex "jikkjarifika d-data tal-allegat akkadut".

6. Fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2020 il-Prosekuzzjoni talbet emenda fit-tieni imputazzjoni biex l-isem "Bonavia" jiġi jaqra "Bondin". Id-Difiża talbet li kwalunkwe emenda "ghal lat t'akkuza" jerġa' jinqara mill-ġdid. Dakinhar meta saret din il-korrezzjoni il-Qorti vverbalizzat li l-imputazzjonijiet kif mibdula inqraw mill-ġdid bil-ġurament u l-imputat ta ruħu b'notifikat. Reġgħa sar l-eżami tiegħu u d-Difiża eżentat lill-Prosekuzjoni mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi. Ingħata wkoll digriet fis-sensi tal-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali. Sadattant il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kompliet bil-ġbir tal-provi.

7. Imbagħad, fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2021, il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja biex issir korrezzjoni fl-imputazzjoni fis-sens li minflok il-kliem "12 ta' Ottubru 2019" jiddaħħlu l-kliem "12 ta' Ottubru 2018". Dakinhar il-Qorti ddeċidiet li tiddekreta dik it-talba meta jkun preżenti l-imputat biex ikun jista' jsirlu l-eżami mill-ġdid. Fir-rinviju li kien imiss ma sar ebda ċenn għal din il-bidla proposta.

8. Iżda mbagħad fir-rinviju tat-8 t'April 2021 l-Avukat Ġenerali talbet li jerġa jinstema' l-Uffiċjal Prosekutur biex issir kjarifika dwar dak verbalizzat fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2021. L-Avukat Ġenerali osservat li a fol 3, id-data kienet qegħda indikata b'korrezzjoni. B'hekk talbet lill-Uffiċjal Prosekutur biex jikkjarifika dwar tali korrezzjoni u jekk din kienet għadha ma saritx terġa' tisma' lill-Uffiċjal Prosekutur biex jagħmel id-debita korrezzjoni b'dan li l-kumpilazzjoni għandha tissokta.

9. Fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2021 il-Qorti inter alia iddifferiet il-kawża għad-9 ta' Ġunju 2021 biex tinqara' mill-ġdid l-akkuża u għall-aħħar provi tal-prosekuzzjoni.

10. Peress li fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2021 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienetx wetqet dak ordnat mill-Avukat Ġenerali b'riferenza għall-kjarifika mitluba mill-Uffiċjal Prosekutur, l-istess ordni reġgħet saret fir-rinviju tal-4 ta' Ġunju 2021.

11. Fis-seduta tad-9 ta’ Ġunju 2021 deher l-imputat debitament assistit mill-istess Avukat li ffirma l-eċċezzjonijiet preliminari. F’dik is-seduta, inqara r-rinviju tal-Avukat Ġenerali, il-Prosekuzzjoni talbet li ssir il-korrezzjoni fid-data tal-imputazzjoni numru erbgħa (4) biex minflok il-kliem “Ottubru 2019” jidħlu l-kliem “Ottubru 2018”. Il-Qorti laqgħet it-talba; inqraw l-imputazzjonijiet kif emendati, l-imputat ta ruħu b’notifikat, sar l-eżami tal-imputat, id-Difiża eżentat lil Qorti milli terġa tisma’ mill-ġdid il-provi. Inoltre reġgħa ingħata d-digriet fis-sensi tal-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali. Il-kawża ssoktat.

12. Fit-12 ta’ Lulju 2021 l-Avukat Ġenerali ħarġet nota tar-rinviju għall-Ġudizzju tal-imputat fejn xlietu formalment b’diversi reati kriminali indikati fl-imsemmija nota li tidher a fol 361. Fis-seduta sussegwenti tat-13 ta’ Lulju 2021 wara li nqrat din in-nota ta’ rinviju għall-ġudizzju, l-imputat debitament mistoqsi jekk kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema’ sommarjament, wieġeb li kellu oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi mismugħ bi proċedura sommarja. Kien għalhekk li l-Avukat Ġenerali proċediet bl-att t’akkuża quddiem din il-Qorti biex imbagħad l-akkużat ressaq l-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu li issa qegħdin jiġu mistħarġa.

13. Kwantu għall-ewwel eċċezzjoni preliminari, l-akkużat ma għandux raġun. Għalkemm huwa minnu li intalbet korrezzjoni għall-imputazzjoni numru erbgħa (4) fis-sens li kien meħtieġ li tiġi mibdula d-data minn “12 t’Ottubru 2019” għal “12 t’ Ottubru 2018” din il-korrezzjoni kienet meħtieġa fir-rigward tad-data ta’ digriet li kien ingħata fil-konfront tal-akkużat li ġab miegħu bidla fil-kondizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest. Bl-ebda mod ma tali korrezzjoni kienet tolqot direttament il-meritu ta’ dawn il-proċeduri jew il-meritu tar-raba’ imputazzjoni jew li dik it-talba kif proposta b’xi mod kienet tippreġudika b’mod irrimedjabbli l-jeddijiet tal-akkużat.

14. Ibda biex, meta l-istess talba kienet saret mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet kawta ħafna kif tipproċedi qabel tikkonċediha u wetqitha biss meta l-akkużat kien preżenti, debitament assistit u fejn huwa bl-ebda mod ma pprotesta ruħu mill-fatt li dik il-korrezzjoni kienet qegħda ssir in forza għal dik in-nota ta’ rinviju ordinarju taħt l-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali aktar milli taħt l-artikolu 432 tal-istess Kodiċi kif qiegħed jippretendi issa.

15. Inoltre, anke jekk dik il-korrezzjoni kienet fin-natura tagħha doveruża għalkemm mhux fuq xi aspett fundamentali tal-kawża, dik l-istess Qorti proċediet bil-proċedura tal-korrezzjoni b’mod formali,

inkluż bil-qari bil-ġurament mill-ġdid tal-imputazzjoni kif korretta, bl-eżami mill-ġdid tal-imputat u li ġiet segwita bl-eżenzjoni minn naħa tad-Difiża għalbiex il-Prosekuzzjoni terġa tressaq il-provi ġja mismugħa. Inoltre, l-Qorti proċediet ukoll b'digriet taħt l-artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali.

16. Għalkemm huwa veru li kien hemm difett tekniku f'waħda mill-imputazzjonijiet, il-proċedura biex dak id-difett jiġi rranġat ma kienetx tassattivament teħtieġ rikors lejn id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 432(3) tal-Kodiċi Kriminali. Wara kollox l-artikolu 432(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi lill-Avukat Ġenerali bis-setgħa li jippreżenta dik it-talba bil-miktub, liema setgħa hija eżerċitabbli minnu f'dawk il-każijiet li l-Avukat Ġenerali jqis li jimmeritaw tali rimedju speċjali. F'dan il-każ l-Avukat Ġenerali, korrettament, ma ħassitx li kellha tipproċedi taħt dak l-artikolu dato n-natura tal-korrezzjoni indikata.

**Il-Qorti qiegħda għalhekk tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari.**

**Ikkunsidrat**

17. Illi fl-eċċezzjoni preliminari B.1 l-akkużat jilmenta li t-tieni Kap tal-att ta' akkuża huwa null minħabba li jinkludi assunzjonijiet u konġetturi li ma joħorġux mill-istruttorja senjatament dwar fejn hemm indikat li l-vitma sofra offiża ta' natura ħafifa għax ma kienx hemm prova ta' dan, l-anqas medika.

18. Minn qari ta' paġna 43 tal-atti jirriżulta li Andrew Bondin irrakkonta dak li għadda minnu hekk kif skontu l-akkużat għamel għalih biex jisraqlu l-kartiera. Igħid hekk:

> Imbaghad hrigt il-kartiera biex jerga jiġi jara l-karozza, kif ra hekk hatafha u gibidha u gibed lili, waddabni fl-art ghal rasi, sewwa, u x'hin ppruvajt inqum rega' waddabni, il-kartiera zammejniha flimkien u uza l-forza kollha tieghu kontra tieghi illi tqattghu kwatita minnhom, ġabarhom, rega' mbuttani ghal isfel ghat-tieni darba, erġajt waqajt, ghalaq il-bieb ta' barra warajh biex jekk ikun ghaddej xi hadd mit-triq per eżempju ma tatiex kaz ghax il-bieb maghluq tibqa' ghaddejja u hu jilhaq jahrab u jien b'ugiegh li kont mal-art ma stajtx niccaqlaq u jilhaq jahrab bhal ma ghamel. Sadanittant cempilt l-ghassa tal-Pulizija, gie s-Surgent u kuntistabbli maghha u rrakkontajtilhom l-affarijiet.

19. Minn din is-silta joħroġ ċar li l-akkużat uża vjolenza kontra dan ix-xhud. Mhux hekk biss iżda frott ta' dik il-vjolenza eżerċitata, l-istess xhud jirrimarka li huwa ġie mwaqqa' mal-art għal iżjed minn darba kif ukoll li kien ħass sensazzjoni ta' wġiegħ fiżiku.

20. Iżjed il-quddiem, meta reġgħa xehed fit-3 ta' Frar 2020, Andrew Bondin verament jgħid li ma sofra ebda ġrieħi imma jżid li d-daqqa xorta qalgħha mingħand l-akkużat. F'paġna 83 jgħid li id-daqqa laqqatha fl-iskutella ta' rasu u li "il-marki kienu hemm u s-Surgent ra ghax is-Surgent kien very efficient". Anzi jispjega bi preċiżjoni li "Hlief id-daqqiet ma kelliex, kienu jidhru physically imma ma kienx hemm dmija ta' xejn" u dan wara li l-akkużat waddbu fl-art darbtejn skontu: "bum, bum, minghajr rispett".

21. Fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emanuel Zammit** deċiż nhar it-30 ta' Marzu 1998 ġie deċiż li anke s-sempliċi uġiegħ ikkaġunat minn daqqa jew perkossa tammonta għal ħsara fil-ġisem fis-sensi tal-artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali. B'hekk dak mistqarr mill-Avukat Ġenerali, anke fin-nuqqas ta' prova medika, xorta waħda jista' jitqies li jirriżulta mill-provi.

22. Minbarra dan fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi** deċiż nhar it-30 ta' Lulju 2004:

> Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad – il-magistrat – u issa f'idejn l-imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta imbghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.

23. Imbagħad fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Micallef** deċiża fil-25 ta' Ġunju 1955 ġie deċiż li fil-każ fejn ikun hemm dubju dwar in-natura tal-offiża, din għandha tiġi ritenuta bħala ħafifa.

24. Għalhekk kontra dak allegat mill-akkużat f'din l-eċċezzjoni, l-Avukat Ġenerali kellha kemm fatti kif ukoll il-ġurisprudenza li jsaħħu t-teżi tagħha fit-tieni Kap.

**Konsegwentement l-eċċezzjoni B.1 qegħda tiġi miċħuda.**

25. L-eċċezzjoni preliminari B.2 tallega n-nullita tal-ewwel u t-tieni Kapi tal-Att t'Akkuża peress li fil-parti akkużatorja tagħhom issir referenza għall-addebitu tar-reċidiva flimkien ma ġabra ta' sentenzi in sostenn. L-argument huwa li l-addebitu tar-reċidiva ma jistax jinġieb għall-konjizzjoni tal-ġurati matul il-kors tal-ġuri iżda biss in segwitu għal verdett ta' sejbien ta' ħtija.

26. Il-kunċett tan-nullita tal-att t'akkuża jew il-kapi tiegħu huwa wieħed applikabbli f'ċirkostanzi limitati ħafna kif delineati mill-Liġi u interpretati mill-ġurisprudenza. Ir-raġuni miġjuba mill-akkużat f'dan l-eċċezzjoni żgur ma tikkonfigurax fihom.

27. L-att t'akkuża huwa l-att akkużatorju uniku li jiġi magħmul mill-Avukat Ġenerali u li fih jinkludi l-akkużi kollha miġjuba kontra l-akkużat li jkun irid jiġi proċessat in bażi tagħhom. Anzi l-Prosekutur ikun jista' biss jipprosekwixxi l-akkużi prosekwibbli kontra l-akkużat dment li dawn ikunu jinstabu fl-att t'akkuża. Altrimenti, salv eċċezzjonijiet speċifiċi, ma jkunx permess li akkużat jiġi misjub ħati ta' reati jew addebiti li ma jkunux ġew kontestati lilu fl-att akkużatorju.

28. Kif jiġri fil-każijiet kollha simili, meta tiġi biex tiċċelebra l-ġuri, il-Qorti Kriminali tipproduċi kopja redatta tal-akkużi lil-ġurati fejn ma jkunx hemm riferenzi għall-addebitu tar-reċidiva jew sejbien ta' ħtija preċedenti u l-ġuri jipproċedi biex fl-ewwel parti tiegħu jistabbilixxi l-verdett tal-ħtija jew in-nuqqas tagħha. Fil-każ ta' verdett ta' sejbien ta' ħtija imbagħad il-Qorti Kriminali tidderieġi lill-ġurija dwar il-ħtieġa li tiddetermina dawk l-akkużi li jkunu jeħtieġu deċiżjoni dwar sejbien ta' ħtija preċedenti, inkluż fosthom, l-addebitu tar-reċidiva.

**Il-Qorti għalhekk tiċħad din l-eċċezzjoni B.2.**

29. Illi kwantu għall-eċċezzjoni B.3, din il-Qorti tqis li din mhix eċċezzjoni iżda forma ta' osservazzjoni bi sfumatura ta' talba fejn l-akkużat josserva li għandu jiġi żgurat li sal-mument li jingħata l-verdett mill-ġurija ma ssir ebda riferenza għall-passat refrattarju tiegħu, inkluż l-addebitu tar-reċidiva jew sentenzi oħra.

30. Din il-Qorti tassigura lill-akkużat li minn naħa tagħha dejjem tara li l-kwistjoni ta' sejbien ta' ħtija preċedenti ma tiġix żvelata lill-ġurija, sakemm ma tkunx parti essenzjali mill-meritu tal-akkuża prinċipali jew tkun kwistjoni li tirriżulta mill-provi jew stqarrijiet tal-akkużat stess.

**Stante li din l-eċċezzjoni B.3 mhix eċċezzjoni, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjuzzjoni ulterjuri tagħha.**

31. Illi fl-eċċezzjoni B.4 l-akkużat jisħaq li l-akkużi li bihom huwa mixli fit-tielet u r-raba' Kapi jistgħu jissussistu biss fil-każ ta' verdett ta' sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel u/jew it-tieni Kapi u allura għandu jiġi żgurat li dawn ma jinġiebux a konjizzjoni tal-ġurija qabel ma jingħata l-verdett għall-ewwel u t-tieni Kapi.

32. A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tirreferi għal dak deċiż minnha fl-aggravji B.1, B.2 u B.3.

**Stante li din l-eċċezzjoni B.4 ma hija eċċezzjoni xejn, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjuzzjoni ulterjuri tagħha.**

33. L-eċċezzjoni C tittratta l-eċċezzjoni tal-inammissibilita ta' ċerti provi.

34. Fl-eċċezzjoni C.1 l-akkużat jikkontendi li kull prova u riferenza għall-identifikazzjoni tal-akkużat li nġiebet fil-kors tal-istruttorja, inkluż l-"identification parade" fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għandhom jiġu sfilzati in kwantu mhux ammissibbli bħala prova peress li ma jirrispekkjawx il-vot tal-Liġi u l-ġurisprudenza f'dan il-qasam.

35. Fl-eċċezzjoni relattiva l-akkużat ma jagħtix raġuni fejn dan il-proċess ta' identifikazzjoni naqas milli jirrispetta l-vot legali jew ġurisprudenzjali. Fit-trattazzjoni tiegħu però jispeċifika l-ġurisprudenza li għaliha kien qiegħed jirreferi biex isaħħaħ it-teżi tiegħu.

36. L-Ispettur Hubert Cini, fix-xiehda tiegħu f'paġna 30 jgħid kif bħala parti mill-investigazzjoni li huwa kien qiegħed jagħmel, apparti li ġabar filmati minn CCTV's viċin fejn seħħ l-inċident, kien

ukoll stampa tminn ritratti ta' persuni bl-istess qisu fiżjonomija tal-wiċċ tas-suspettat li huma kellhom (u li l-Pulizija kienu rawħ mill-footage miġbur mis-CCTV). Huwa wera dawn it-tminn ritratti lil Andrew Bondin u jgħid li mill-ewwel, u mingħajr ebda eżitazzjoni, Bondin indikalu lil dak ir-ritratt li kien juri lill-akkużat bħala l-persuna li aggredietu u serqitlu l-kartiera.

37. Ma hemm xejn li jmur kontra l-Liġi proċedurali li Uffiċjali tal-Pulizija jidentifikaw persuna minn fuq filmati jew ritratti. Ix-xhieda tal-Pulizija dwar id-deskrizzjoni tal-malvivent u l-konklużjonijiet li waslu għaliha huma, anke bl-għinuna tal-viżjoni tas-CCTV recordings titqies li hija xiehda attendibbli u għandha tingħata valur. Il-ġurisprudenza tirrikonoxxi li Uffiċjali tal-Pulizija jiżviluppaw ħila ta' osservazzjoni li ċittadin komuni normalment ma jkollux; u din l-istess ħila akkwiżita twassal għall-identifikazzjoni attendibbli tal-malviventi. F'**R vs. Ramsden** (1991) Crim.L.R. 295, CA intqal is-segwenti:

> An identifying witness who is involved in the criminal justice system is likely to have a greater appreciation of the importance of identification, and so to look for some particular identifying feature. **Honest police officers are likely to be more reliable than the general public, being trained and less likely to have their observations and recollections affected by the excitement of the situation.**[15] Provided that the usual warnings are given, the reasons scrutinised and the integrity of the witness is not in doubt, the tribunal can give effect to what is only common sense.[16]

38. Dwar dan il-punt, fis-sistema proċedurali Ingliż, u li fuqu l-Liġi proċedurali penali Maltija hija msejsa, il-**Blackstone's Criminal Practice,** 2019 għandu dan x'jgħallem:

> The contents of photographs and films on which a party seeks to rely may be proved by the production of the original; or by the production of a copy proved to be an authentic copy; or by the parol evidence of witnesses who have seen the photograph or film. In Kajala v Noble (1982) 75 Cr Aoo R 149 Ackner LJ held that the rule, that if an original document is available in a party's hands he must produce it and cannot give secondary evidence of it, was confined to written documents in the strict sense of the term and has no relevance to tapes or films. In Taylor vs Chief Constable of Cheshire (1986) 1 All ER 225, a video cassette recording, made by a security camera and showing a person in a shop picking up an item and putting it into his jacket, was played to police officers who identified the person as Taylor. The recording, after it had been returned to the shop, was accidentally erased. Evidence by the officers of what they had seen on the video was

[15] Enfasi ta' din il-Qorti.
[16] The Crown Prosecution Service <accessat 12.3.2022>

held to have been properly admitted, on the ground that what they had seen on the video was no different in principle from the evidence of a bystander who had actually witnessed the incident, and the appeal against conviction was dismissed. The Court of Appeal held that the weight and reliability of the evidence had to be assessed carefully, and because identification was in issue, by reference to the guidelines laid down in Turnbull (1977) QB 224, which had to be applied in relation to not only the camera, but also to the visual display unit or recorded copy and the officers. See also Constantinou (1989) Cr App R 74.

39. L-implikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza Ingliża hija importanti ħafna għall-fini ta' dan il-każ in kwantu tammetti l-ammissibbilita bħala evidenza fi proċeduri kriminali:

**just as a video recording of the commision of an offence is admissible, so also a witness who has seen the recording may give evidence of what he saw, as he is in effect in the same position a a witness with a 'direct view of the action' Taylor vs Chief Constable of Cheshire 12 (1986) 1 All ER 225 32.**

40. Skont l-insenjament **f'Taylor** kwindi, l-identifikazzjoni tal-malviventi minn fuq filmat ta' CCTV camera għandha l-istess valur probatorju daqs dik l-identifikazzjoni magħmula minn persuna **with a direct view of the action**. Din l-identifikazzjoni pero' għandha ssir b'ċerta kawtela u b'rispett massimu għall-linji gwida imfassla fil-każ **Turnbull** liema linji gwida jimponu l-obbligu fuq il-ġudikant li jistħarreġ iċ-ċirkostanzi kollha li jkunu wasslu lix-xhud sabiex jidentifika lill-malviventi minn fuq l-imsemmi filmat. L-istudju ta' dawn iċ-ċirkostanzi jikkomporta wkoll li l-ġudikant jistaqsi domandi bħalma huma dawk segwenti:

How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way e.g. by traffic or other people? Had the witness ever seen the accused before? If so, how often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long had elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description given by the witness and the actual appearance of the accused?

41. F'dan il-każ il-vitma Andrew Bondin, li ma jirriżultax li kien jaf lill-akkużat qabel dan l-inċident, ġie mitlub biex jidentifika lill-persuna li kienet suspettata mill-Pulizija li wetqet is-serqa mhux permezz ta' "identity parade" fiżika, iżda tramite "photo line-up" magħmul fil-kors tal-investigazzjonijiet kondotta mill-Pulizija.

42. Qabel xejn l-artikolu 648 tal-Kodiċi Kriminali, li baqa’ mhux mibdul, itenni li:

> Biex issir il-prova tal-identità ta’ persuna li għandha tiġi magħrufa jew ta’ oġġett li għandu jinġieb bħala prova, mhux meħtieġ, bħala regola, li x-xhud jagħraf dik il-persuna minn fostpersuni oħra, jew dak l-oġġett minn qalb oħrajn bħalu, ħlief meta l-qorti, f’xi każ partikulari, ikun jidhrilha xieraq tagħmel dan għall-finijiet tal-ġustizzja.

43. Każistika riċenti tisħaq li dan l-artikolu jirregola l-prova tal-identita ta’ persuna fi jew quddiem il-Qorti.[17] Mill-banda l-oħra r-regola dwar identifikazzjoni ta’ persuna qabel ma jkunu nbdew proċeduri kriminali hija regolata bl-artikolu 63 (ġja 74) tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fil-kawża **Mario Borg** saħqet li:

> 1. L-Artikolu 648 jirreferi ghal identifikazzjoni fi u quddiem Qorti, filwaqt li l-Artikolu 74 jirreferi ghal-lidentifikazzjoni ta’ oggett jew persuna fil-kors talinvestigazzjoni kondotta mill-pulizja – l-Artikolu 74 ma japplikax ghal meta l-investigazzjoni tkun qed tigi kondotta mill-Magistrat fil-kors ta’ inkjesta dwar l-in genere. Fil-prattika, pero`, meta Magistrat li jkun titolari ta’ tali inkjesta jkun tal-fehma li ghandha ssir “identification parade” ghall-finijiet ta’ dik l-inkjesta, huwa mhux biss jikkonduciha hu, izda wkoll jassigura proprju li ma jkun sar xejn, anke jekk precedentement ghal dik il-parata minnu kondotta, li b’xi mod ikun jista’ jammonta ghal suggeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tkun mitluba li tidentifika l-persuna l-ohra jew l-oggett. Din kienet il-prassi anke qabel lintroduzzjoni tal-Artikolu 74. Meta Magistrat jintebah li seta’ kien hemm tali suggeriment jew influwenza, huwa jista’ jew ma jikkonducix il-parata (u jivverbalizza r-raguni) jew – u din il-Qorti hi tal-fehma li din hija l-linja li ghandha tittiehed biex ebda interess ma jigi pregudikat – ghalkemm jikkonduciha, jivverbalizza fl-atti tal-inkjesta dak li huwa jkun irriskontra bhala li jista’ jammonta ghal tali suggeriment jew influwenza.
> 2. Kif gie gustament osservat fis-sentenza appellata, u dan b’referenza ghal sentenzi ohra, inkluzi sentenzi barranin, il-problema tal-identifikazzjoni ta’ persuna jew oggett tqum biss f’certi kazijiet u mhux f’kollha. Din il-problema normalment tqum f’dawk il-kazijiet fejn il-persuna li qed tirreferi ghal persuna ohra ma tkunx tista’ tippreciza min hi din il-persuna l-ohra ghax ma tkunx tafha, izda tfisser li tkun tista’ tidentifikaha jekk taraha. L-istess jista’ jinghad jekk il-persuna tkun qed tirreferi ghal oggett: ma tkunx tista’ tippreciza liema kien dak l-oggett, izda tkun tista’ tidentifikah jekk tarah. Hekk, per ezempju, jekk persuna insterqitilha l-karozza taghha, u din tinstab mill-pulizija piu` o meno shiha, hadd ma jghaddilu minn mohhu li trid issir, qabel ma l-kaz jitressaq il-Qorti, “identification parade” (skond l-Artikolu 74 jew xort’

[17] **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Mario Borg**, Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri, datata 22 ta’ Mejju 2007.

ohra) minn fost karozzi tal-istess marka. Anke jekk il-karozza tkun giet zarmata jew kannibalizzata u jkun baqa’ biss bcejjec minnha, jekk ikun hemm xi marka partikolari li sidha jista’ jaghrafha minnha, ma hux il-kaz li ssir “identification parade”. Kwantu ghall-identifikazzjoni ta’ persuna, jekk, per ezempju, min ikun qed jaghmel iddenunzja jew il-kwerela, jew ikun qed jigi mitkellem mill-Pulizja bhala xhud potenzjali, jindika persuna b’isimha jew b’kunjomha, jew forsi bl-indirizz, ghax lil dik il-persuna jkun jafha, normalment ma jkunx hemm in-necessita` ta’ “identification parade”. U, s’intendi, jekk l-unika prova kontra persuna tkun tikkonsisti f’identification evidence jista’ jkun hemm lok, dejjem skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ghall-kawteli li ghalihom accennat il-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata (b’referenza ghal sentenzi ohra).

3. Minn dan isegwi li “identification parade” hija indikata li ssir normalment f’dawk il-kazijiet meta tkun trid tigi assodata l-identita` ta’ persuna jew ta’ oggett bhala li kienet jew kien involut fl-incident, ossia fir-reat, li jkun qed jigi investigat. Naturalment, tali parata tista’ wkoll tigi wzata biex tigi eliminata persuna, jew jigi eliminat oggett, bhala li kienet jew kien konness ma’ reat. Fi kwalunkwe kaz dak li hu mehtieg hu li, safejn huwa umanament possibbli fic-cirkostanzi partikolari ta’ kull kaz, ma jsirux zbalji.
4. Fil-fehma tal-Qorti, u fin-nuqqas ta’ xi disposizzjoni espressa li tipprovdi mod iehor3 , bl-Artikolu 74 tal-Kap. 164 il-legislatur ried semplicement isahhah il-valur probatorju ta’ “identification parade” maghmula fil-kors ta’ l-investigazzjoni kondotta mill-pulizija, filwaqt li fl-istess hin jipprova jassigura li ma jsirux zbalji jew ghall-anqas jimminimizza l-possibilita` ta’ tali zbalji. Fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti, l-Artikolu 74 imsemmi ma hux intiz biex is-sustanza tigi sagrifikata fuq l-altar tal- formalizmu, izda biex il-forma – f’dan il-kaz il-presenza talMagistrat li jmexxi l-affarijiet – tiggarantixxi kemm jista’ jkun is-sustanza.

44. L-artikolu 63 tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta’ Malta jgħid:

> 63. (1) Meta uffiċjal investigatur ikun jixtieq jagħmel xi parata tal-identità jew identifikazzjoni ta’ oġġetti, dawn għandhom isiru minn Maġistrat li għandu jieħu dawk il-passi li jkunu jiżguraw li ma jkun hemm ebda suġġeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tissejjaħ biex tagħraf lill-persuna jew l-oġġett.
> (2) Il-Ministru jista’ jagħmel regolamenti għall-għemil ta’ parata tal-identità jew identifikazzjoni ta’ oġġetti.

45. Il-Liġi Maltija ma tispeċifikax **<u>kif</u>** għandha ssir “identity parade”. Fil-fatt fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Stephen Zammit** deċiż nhar is-16 ta’ Lulju 1998 intqal:

> ...meta si tratta ta’ identifikazzjoni li tkun saret barra l-Qorti, bħal per eżempju, fil-għassa tal-pulizija u li għalhekk tkun <u>ippreċediet</u> l-identifikazzjoni f’Qorti, il-liġi tagħna ma tgħid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta’ prudenza iddettati mill-buon sens li għandhom jiġu osservati speċjalment f’dawk li jissejjħu identification parades, dawn ir-

regoli huma intiżi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bħala l-awtur ta' reat jew bħala l-persuna altrimenti nvoluta fih tkun attendibbli b'mod li l-ġudikant tal-fatt ikun jista' jserraħ moħħu li ma hemmx żball f'dik l-identifikazzjoni.

46. Allura a differenza ta' dak li kien isir fl-1998, illum almenu l-Liġi tispjega u teżiġi li meta uffiċjal investigatur ikun jixtieq jagħmel xi parata tal-identità jew identifikazzjoni ta' oġġetti, dawn għandhom isiru minn Maġistrat li għandu jieħu dawk il-passi li jkunu jiżguraw li ma jkun hemm ebda suġġeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tissejjaħ biex tagħraf lill-persuna jew l-oġġett. Il-ħtieġa li din il-parata ta' identifikazzjoni ssir minn Maġistrat hija però imperativa. Mill-banda l-oħra kif issir dik il-parata – jekk hux b'line up fiżiku jew photo line-up u kif din tiġi żvolta tibqa' materja fluwida.

47. Parata tal-identita' kondotta fiżikament, tipikament issir billi għadd ta' persuni jiġu fiżikament skjerati wara ħġieġa biex xhud jew vittma jkunu jistgħu jaraw jekk fost dawk skjerati jidentifikawx lil persuna li tkun ikkommettiet ir-reat. Din il-proċedura normalment issir f'postijiet adatti u mgħammra bi ħġieġ speċjali msejjah "one-way mirror" li jippermetti lix-xhud jew vittma li jaraw lil persuni skjerati mentri dawn ma jkunux jistgħu jaraw lil min ikun wara l-mera. Din il-modalita hija riferita bħala "line-up".

48. Imma metodu ieħor kif tali line-up ikun jista' jsir huwa tramite l-użu ta' fotografiji. Din tkun tissejjaħ "Photo line-up" u li, a differenza tal-"line-up" fiżiku il-vitma jew xhud ma jiġux murija persuni skjerati wara mera, iżda jiġu murija sett ta' ritratti fotografiċi jew mezzi oħra viżivi ta' persuni biex minn fosthom jaraw jagħrfux lil dik il-persuna li tkun ikkommettiet ir-reat.

49. "Photo line-up" hija għalhekk speċi ta' "identity parade" u għalhekk strettament tkun trid tħares ir-regoli relattivi għall-parati ta' identifikazzjoni. Għall-fini biex tiġi determinata l-identifikazzjoni ta' persuna, il-Liġi illum teħtieġ li din il-proċedura ssir minn Maġistrat li għandu jieħu dawk il-passi li jkunu jiżguraw li ma jkun hemm ebda suġġeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tissejjaħ biex tagħraf lill-persuna jew l-oġġett.

50. F'dan il-każ, ma jirriżultax li l-"photo line-up" magħmula mill-Investigatur saret fil-preżenza tal-Maġistrat meta bħala parti mill-investigazzjonijiet tagħha, il-Pulizija preżentat lill-vitma Andrew Bondin b'sett ta' tminn ritratti kif jirriżulta a fol 37 biex jara jagħrafx

lil xi ħadd. Il-biċċa hi li l-artikolu 63 tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħmilx distinzjoni jekk l-użu tar-ritratti jkunx qiegħed isir għal fini investigattiv jew inkella jekk ikunx meħtieġ għal użu probatorju fi proċeduri kriminali.

51. Għalkemm il-photo line-up kondott mill-Pulizija ma jirriżultax li sar fil-preżenza ta' Maġistrat, mill-banda l-oħra minn dak muri mix-xiehda tal-ispettur Hubert Cini nonche minn dik ta' Andrew Bondin, jirriżulta li l-Pulizija segwiet il-linja tal-buon sens billi Bondin ġie preżentat sett ritratti ta' tmint irġiel ta' aspett fiżiku simili; ma jirriżultax li l-Pulizija kienu wrewh xi filmati li kellhom f'idejhom jew li għarrfulu s-suspetti li huma kellhom qabel ma saret din il-photo line-up u l-anqas ma hemm evidenza soda li turi, almenu sal-grad tal-probabbli, li l-Pulzija b'xi mod influwenzaw lill-vittma fl-identifikazzjoni tal-akkużat bħala l-persuna li serqitu. Il-fatt jibqa' li din il-proċedura seħħet fl-assenza ta' Maġistrat. Almenu sa dak il-punt.

52. Jingħad hekk għaliex matul il-kors tal-istruttorja, il-Pulizija minbarra li resqet id-dokument li fuqu sar il-proċess ta' identifikazzjoni tas-suspettat u li jidher a fol 37, preżentat ukoll lil Andrew Bondin anke għall-fini biex jara jidentifikax lill-allegat ħalliel fl-awla matul il-kors tax-xiehda tiegħu.

53. Il-ġenwinita ta' Andrew Bondin fl-identifikazzjoni tiegħu tirriżulta minn episodju li ssuċċeda waqt il-fażi tax-xiehda ta' Bondin meta ġie mistoqsi jekk kienx qiegħed jagħraf lill-allegat aggressur tiegħu fl-awla. F'paġna 46 hemm din is-silta li turi anke li Bondin l-anqas lill-Pulizija ma kien qiegħed jafda tant li fil-proċess ta' identifikazzjoni tramite l-line-up huwa ssuspetta li l-Pulizija kienu qegħdin jidħqu bih minħabba li fir-ritratt tal-akkużat li kien jidher fil-"photo line-up" l-akkużat kien ritratt bil-leħja mentri hu ma kienx rah hekk! Ingħad hekk:

> Prosekuzzjoni: Issa tiftakar, l-ufficju tieghi urejtek karta b'hafna ritratti?
> Andrew Bondin: Iva. Imma dak ir-ragel li urejtni int li kien bid-daqna ghax intom pruvajtu tidhku bija
> Qorti: Le le le.
> Andrew Bondin: Ma kellux daqna
> Qorti: Le Sinjur, il-Pulizija obbligati. Issa jien illum tajtek ic-cans Sinjur thares ma din l-Awla u tara jekk taghrafx lil dan il-bniedem. Hares sew
> Andrew Bondin: Mhux dak irid ikun, ghax dak heavy weight iktar minni hafna

Qorti: Lil min qed taghraf? X'liebes? Ghax nahseb l-ewwel immarkajt hazin jien. X'liebes? X'kulur hi l-ingravata? Inti tara mill-boghod?
Prosekuzzjoni: Mur viċin il-poersuna li qed tahseb li hu hu
Qorti: Ehe mal-Pulizija, ma ghandekx ghal xiex tibza, mur u hares
Prosekuzzjoni: Ghidilna din jew mhux din, u jekk ma intix taghraf ghidilna li ma intix taghraf.
Qorti: Hawnhekk qed jindika lill-imputat ghax qed jghid heavy weight. Issa ha tiġi muri karta li int tidher li ffirmajt hdejha, ara naqra fejn min iffirmajt u ara tikkonfermax?
Prosekuzzjoni: jien kont urejtek dawn is-sett ritratti u inti ffirmajt il-firma tieghek, x'taf tghidilna fuqha din il-karta?
Andrew Bondin: jien ghidtlek li huwa dan
Qorti: Hanwhekk ix-Andrew Bondin qed jindika lill-imputat
Andrew Bondin: u li ma kellux daqna ghalkemm hawn qieghed bid-daqna
Qorti: Imma sinjur imma kulhadd jista' jqaxxarha ux ghandu dritt...

54. Dan allura jfisser li għalkemm oriġinarjament l-identifikazzjoni tramite l-photo line-up ma kienetx saret quddiem Maġistrat, matul il-kors tal-istruttorja, kienet il-Qorti, allura presjeduta minn Maġistrat stess li għamlet riferenza għal dak id-dokument a fol 37 u li kien jinkludi sett ta' tmin ritratti ta' rġiel li kellhom bejn wieħed u ieħor l-istess eta u fiżjonomija li kienet simili u li staqsietu jekk kienx qiegħed jikkonferma l-identifikazzjoni tal-akkużat mhux biss personalment quddiemha fl-awla iżda wkoll minn fuq dak id-dokument li kien fih ir-ritratt tal-akkużat bil-leħja flimkien ma ritratti ta' seba' persuni oħra tal-istess sura u li Andrew Bondin kien għaraf fuqu lill-akkużat, anke jekk urtaħ il-fatt li fuq dak ir-ritratt l-akkużat kien jidher bil-leħja tant li ħaseb li l-Pulizija kienu għamluha apposta biex jidħqu bih – jidħqu bih f'dan is-sens tfisser li ħasibhom li riedu jfixkluh il-Pulizija fl-identifikazzjoni tal-malvivent minħabba li preżentawhulu bil-leħja!

55. Ġaladarba allura l-proċess ta' identifikazzjoni tal-akkużat ma sarx biss minn fuq ir-ritratti biss fl-assenza tal-Maġistrat iżda sar ukoll minn Andrew Bondin fiżikament fl-awla, u wara, fuq istanza u insistenza tal-Qorti istruttorja stess sar minn fuq is-sett ta' ritratti preżentati mill-Prosekuzzjoni u liema identifikazzjoni minn fuq il-photo line-up form saret fil-preżenza tal-istess Maġistrat, ma jistax jitqies li tali prova hija inammissibbli.

**Għalhekk l-eċċezzjoni C.1 qegħda tiġi miċħuda.**

56. L-eċċezzjoni C.2 titratta allegazzjoni ta' documentary hearsay evidence relattivament għal filmati estratti minn CCTV cameras u

stills peress qed jiġi argumentat li s-sidien ta' mnejn ġew elevati dawn il-footage ma xehdux.

57. Hemm qbil bejn il-partijiet li s-sidien tal-apparat CCTV li minnu ġew meħuda diversi filmati ma ttellgħux jixhdu dwar il-fatt li dawk il-filmati li ġew użati mill-Pulizija, eżebiti fil-Qorti u analizzati mill-espert tekniku Keith Cutajar kienu fil-fatt jappartjenu lilhom u li ttieħdu mill-apparat tagħhom.

58. Però, mix-xiehda ta' PC195 Melvyn Calleja f'paġna 60 jirriżulta li huwa personalment nhar il-31 t'Ottubru 2019 ġabar footage minn Triq Sant'Andrija kantuniera ma Triq Sir Ugo Mifsud, ieħor minn Triq George Zahra u ieħor minn Triq Tumas Galea, ilkoll f'Ħal Luqa. Dan ix-xhud evidentement ra dawn il-filmati in kwantu rrakkonta huwa x'ra b'għanjejh f'dawn il-filmati u jispjega li silet vettura Mazda Demio li kienet tgħajjat lil Carmen Spiteri li kienet is-sieħba tal-akkużat. PC195 jikkonferma d-dokument a fol 35 bħala DVD fuqha kien hemm il-filmati de quo u jgħid li huwa għadda dawn il-filmati lill-Ispettur Hubert Cini. Dan ix-xhud eżebixxa wkoll sett ritratti li juru stills minn dan il-footage li huwa ġabar mis-CCTV fit-toroq imsemmija.

59. Fil-fatt jirriżulta li meta l-Ispettur Hubert Cini xehed fit-18 ta' Novembru 2019, huwa eżebixxa dik id-DVD msemmija minn PC195 f'envelope li kien jinsab a fol 35 u markat bħala Dok HC, illum markat 35A. Dan id-depożitu fl-atti tal-kawża jirriżulta wkoll minn verbali a fol 27 mnejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) saħqet li apparti li xehed bil-ġurament, l-ispettur Hubert Cini eżebixxa wkoll sensiela ta' dokumenti fosthom dan id-dokument HC.

60. Matul is-seduta tat-13 ta' Jannar 2020, in segwitu għal talba appożita mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju tagħha datata 7 ta' Jannar 2020, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ħatret lil Keith Cutajar bħala espert sabiex joħroġ stills mill-footage eżebit. Ma jirriżultax li l-imputat, dakinhar jew qabel dik id-data, meta kien preżenti u assistit minn żewġ avukati, oppona għal din il-produzzjoni ta' dan id-DVD da parti tal-ispettur Cini jew tax-xiehda ta' PC195 jew għall-Ordni tal-Avukat Ġenerali li jiġi maħtur espert tekniku biex jinħarġu stills.

61. L-espert Keith Cutajar xehed fl-4 t'Awissu 2020 fejn ħalef u preżenta r-relazzjoni tiegħu. Minn paġna 130 jirriżulta li dan l-

espert ġabar id-DVD li jinsab a fol HC35. Kif kien ordnat jagħmel huwa ħareġ għadd ta' stills li jidhru fir-relazzjoni tiegħu.

62. L-argument imqajjem f'din l-eċċezzjoni kien diversi drabi oħra dibattut minn dawn il-Qorti, inkluż fl-appell, u rifjutat ripetutament. Fl-appell kriminali **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Daniel Muka** deċiż fis-26 t'April 2023 ġie deċiż dan li ġej:

> 16. Appellant registers his objection to the testimony of several witnesses, being mostly investigating police officers, who referred in their testimonies to the CCTV footages seized during the police investigations, which evidence details the route taken by the getaway car after the commission of the offence of homicide with which appellant is charged. He maintains that the owners of the various establishments from whom this footage was seized by the police were never brought to testify confirming the authenticity of these documents, thus rendering all information emanating from this documentary evidence as hearsay, and thus inadmissible at law.
>
> 17. The Attorney General in his reply affirms that the authenticity of the said surveillance footages is attested to in the report filed by the experts appointed during the course of the magisterial inquiry, the scene of crime officers being authorised to seize the said footage, download its contents, and compile a report on their findings. Thus since the chain of custody of this evidence is established in the records of the inquiry, the reports compiled and filed by the experts appointed in the in genere to seize, download and make the necessary extractions from the said footage, with the experts being authorised by the inquiring magistrate to communicate with the investigating officers in order to provide them with evidence as to its contents, renders such documentary evidence admissible at law, not amounting to hearsay as alleged by appellant.
>
> 18. It must be pointed out that the evidence being contested by the defence amounts to what at law is known as 'real' evidence, as opposed to documentary evidence or testimonial or direct evidence. Real evidence is often much more reliable than testimonial evidence because it is harder to dispute or fake.
>
> 19. In his book Cross, On Evidence (6th edition) gives a detailed definition of what amounts to real evidence: 'Things are an independent species of evidence as their production calls upon the court to reach conclusions on the basis of its own perception and not on that of witnesses directly or indirectly reported to it ...
>
> 20. The author Murphy, in his book 'A Practical Approach to Evidence' (3rd Ed) defines' 'Real evidence' as (fol. 7):
>
>> 'A term employed to denote any material from which the court may draw conclusions or inferences by using its own senses. The genus includes material objects produced to the court for its inspection, the presentation of the physical characteristics of any person or animal, the demeanour of witnesses (which may or may not be offered or presented to the court by design), views of the locus in quo or

> of any object incapable of being brought to court without undue difficulty and such items as tapes, films and photographs, the physical appearance of which may be significant over and above the sum total of their contents as such ... What is of importance in each case is the visual, aural or other sensory impression which the evidence, by its own characteristics produces on the court, and on which the court may act to find the truth or probability of any fact which seems to follow from it'. … 'The court may look at and draw any proper conclusions from its visual observation of any relevant material object produced before it ... The tribunal of fact is entitled to act on the results of its own perception, even where it conflicts with other evidence given about the object ...'. ....... 'The court must, before admitting recordings as evidence be satisfied that the evidence which may be yielded is relevant and that the recording produced is authentic and original ... The above principles apply to the use of film produced by hidden, automatic security cameras installed in banks and elsewhere for the purpose of recording robberies and other incidents. The jury are entitled to consider the film as identification evidence of the persons recorded on it, subject to the foundational requirements stated above" see eg 'R v Dodson; R v Williams [1984] Crim LR 489; see "Taylor v Chief Constable of Cheshire [1986] 1 WLR 1979'.

21. Now it is debatable whether the rule regarding hearsay can apply to real evidence, especially in those instances where it is not the product of human intervention, like for example inputting information into a computer, thus requiring human input for the completion of the exercise and the resulting information or data extracted from this piece of real evidence. The same, however, cannot be said for footages emanating from a closed-circuit camera, the inputting of information not necessitating any form of human intervention. Human intervention in this context means that such material has passed through a human mind and is simply reflective of human input. Footages or digital images captured by a surveillance camera do not necessitate any form of human intervention and consequently if the data is retrieved by the court appointed experts, it is not plausible and highly unlikely that such evidence can amount to hearsay. However, its provenance and authenticity must be established, as must any other material requirement normally associated with real evidence, such as relevance or probative value of the same. Ultimately, as the Criminal Court rightly points out, as with any piece of admissible evidence, its weight, value and credibility are matters for the jury to decide and not a priori for the trial judge at this stage of the proceedings, such evidence being relevant and having probative force.

22. Furthermore, in its judgment, the Criminal Court established the evidentiary force of this documentary evidence and has examined step by step the provenance, and the subsequent chain of custody of the said evidence gathered by a team of experts who would have established the authenticity of the mechanisms installed and the workings of the cameras registering the footage utilised in the investigations and the magisterial inquiry, and this in order to identify the person or persons who could be involved in the commission of the crime. Above-all, both PS1147 Antoine Fenech and WPC 140 Christy Cremona, appointed as experts in the magisterial inquiry, both in their report 3 and their testimony4, provide a detailed and concise step-by-step account of the manner in which the evidence was gathered, and the means used by them to establish their authenticity. During the trial there is no doubt that the defence will be in a

position to control this evidence so that its authenticity and reliability may be assessed.

> "Fil-ktieb ta' HARRIS, O'BOYLE, BATES & BUCKELY intitolat "Law of the European Convention on Human Rights" (Oxfrod University Press, 2014; pp. 418–419) 5 jinghad hekk: "In Schenk v. Switzerland, the Court stated that Article 6 'does not lay down any rules on the admissibility of evidence as such, which is therefore primarily a matter for regulation under national law.' Accordingly, it 'is not the role of the Court to determine, as a matter of principle, whether particular types of evidence ... may be admissible ... The question for the Court instead is whether the proceedings as a whole, including the way in which the evidence was obtained, were fair. Accordingly, evidence may be admitted even if illegally obtained if this does not render the proceedings unfair. In the Schenk case, there was no breach of Article 6(1) when a tape recording of a conversation between the applicant and another person, P, that was obtained in breach of Swiss criminal and other laws, and that incriminated the applicant, was admitted in evidence. This was because the proceedings as a whole were not unfair, for the following reasons. First, the right of the defence had not been disregarded. In particular, the defence had the opportunity to challenge both the authenticity of the recording and its admission as evidence, and to examine both P and the police officer who had instigated the recording. Secondly, the recording was not the only evidence on which the conviction was based. The Schenk case was applied in Khan v. UK, in which again no breach of Article 6 was found. There, a conversation between the applicant and X on the latter's premises has been recorded by an electronic listening device secretly installed on the premises by the police. The recording was admitted in evidence at the applicant's trial for a drug trafficking offence. In contrast to the Schenk case, the installation and use of the device were not contrary to national criminal law, although it was obtained in breach of Article 8 of the Convention. The recording was the only evidence on which the applicant's conviction was based, but this consideration was discounted by the Court on the basis that the recording had in fact also been important, possibly decisive evidence. Moreover, the applicant had, as in the Schenk case, been able to challenge the authenticity and admissibility of the recording and the national courts at three levels of jurisdiction had rejected claims that it should be excluded as rendering the proceedings unfair. As emerges from these cases, whether the use of evidence obtained in breach of Article 86 of the Convention renders a trial unfair in breach of Article 67 depends on the circumstances, including whether the rights of the defence have been respected and the strength of the evidence."

23. Thus, rather than being a question of hearsay, what appellant is contesting is the authenticity of the real evidence brought forward by the prosecution, the hearsay rules being applicable, as already pointed out, in those instances where the evidence being tendered is subject to some form of human intervention as outlined above. Therefore, although the Court is of the opinion that this evidence was properly obtained in the course of a magisterial inquiry by experts specifically appointed to seize such evidence from its source and carry out all the necessary examinations to establish the authenticity and reliability of this surveillance footage, and the extractions made therefrom, it is finally up to the jury to establish the value of this evidence and the weight to be given to it, and this after having been duly instructed by the trial judge as to the rules of evidence applicable at law. Ultimately, the testimony of the various police officers and the court appointed experts who testified about the content of this footage can be ascertained directly by the jurors themselves with the application of their senses once the said footage will be viewed and examined ictu oculi by them during the course of the trial. Consequently, this grievance is also being rejected.

63. Mentri fis-sentenza ta' din il-Qorti, fl-istess proċeduri **Muka**, kien intqal hekk:

> 42. These reports were filed during the proceedings before the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry. If Defence had any doubts relating to the declared provenance of the footage, or the authenticity of the same, they had the opportunity to question it at that stage. Yet it did not result that any such questions or issues were raised at that compilation of evidence stage.
>
> 43. While it was true that Maltese Law of Criminal Procedure made it incumbent on the Prosecution to prove its case beyond a reasonable doubt, and that Defence was not obliged to prove anything in a criminal trial, on the otherhand, Maltese Law of Criminal Procedure provided a compilation of evidence stage which served an instructory function in relation to that same evidence. This function envisaged all parties to the criminal proceedings having the possibility to engage actively in that process. The accused had the right - and power - to summon any person or witness he deemed fit to prove any point in his favour, or to confute any issue, document or witness, or challenge the same - using the means available to the State, and at the expense of the State, in terms of article 405(5) of the Criminal Code. If the accused thought that a piece of evidence was not properly brought in the case by the Prosecution, or had doubts as to its authenticity, the accused had the right to act immediately at source and challenge that piece of evidence through the means available to him so that he could also produce that challenging evidence later on during the trial.
>
> 44. If Defence had any doubts about the correct provenance or authenticity of the said footage - despite what was mentioned by the experts in their report - Defence had all the opportunity open to it to raise that point and contest the said provenance by summoning the actual owners of the footages as their witnesses through the means provided to them during the said inquiry proceedings in terms of article 405(5) of the Criminal Code or even in their note filed in terms of article 438 of the Criminal Code. Yet no such course of action was taken by the accused at that stage and Defence did not summon any such witness in their article 438 note. From what transpired in the record of the proceedings there was nothing that showed the experts obtained the footage by resorting to illegal means.
>
> **45.** In any case, the Police Officers as well as the expert witnesses referred to above, were also summoned as part of the list of witnesses of the Prosecution who will testify during the trial by jury. Defence Counsel will have every opportunity to cross-examine them in relation to all the work carried out by them, including the report drawn up by the expert witnesses involving the said CCTV footage.

**46. In the light of the above considerations, this Court rejected the preliminary pleas numbered 2 to 7.**

64. **Din il-Qorti qegħda, għall-istess raġunijiet imsemmija iżjed il-fuq tiċħad l-eċċeżżjoni C.2.**

65. L-eċċezzjoni C.3 titratta l-inammissibilita u l-konsegwenti talba għall-isfilz tax-xiehda ta' Helenio Galea li eżebixxa case data report peress li jargumenta li dan ikollu effett negattiv fuq il-ġurija u jkun ta' preġudizzju għall-akkużat.

66. Kif ġie diġà rilevat iżjed il-fuq, din il-Qorti tqis li din il-prova tista' tkun meħtieġa jekk u meta jinħareġ verdett ta' ħtija fil-konfront tal-akkużat. Anke l-Avukat Ġenerali kkonċediet li din il-prova tista' tintuża biss f'dak l-istadju in kwantu għal dak li jirrigwarda r-reċidiva jew sejbien ta' ħtija preċedenti.

67. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonsidra li din il-prova hija inammissibbli u l-anqas ma hija sejra tordna l-isfilz tagħha. Tordna biss li jsir użu minn tali prova jekk u meta jkun il-każ konsegwenti verdett ta' sejbien ta' ħtija.

**Għalhekk il-Qorti qegħda tiċħad l-eċċezzjoni C.3**

60. L-eċċezzjoni C.4 hija simili għall-eċċezzjoni C.3 inkwantu x-xiehda ta' SM049 Christopher Lautier qed jiġi miltub li tiġi dikjarata inammissibbli u konsegwentement sfilzata minħabba l-istess raġuni sollevata f'C.3.

61. Kif ġie diġà rilevat iżjed il-fuq, din il-Qorti tqis li din il-prova tista' tkun meħtieġa jekk u meta jinħareġ verdett ta' ħtija fil-konfront tal-akkużat. Anke l-Avukat Ġenerali kkonċediet li din il-prova tista' tintuża biss f'dak l-istadju in kwantu għal dak li jirrigwarda r-reċidiva jew sejbien ta' ħtija preċedenti.

62. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonsidra li din il-prova hija inammissibbli u l-anqas ma hija sejra tordna l-isfilz tagħha. Tordna biss li jsir użu minn tali prova jekk u meta jkun il-każ konsegwenti verdett ta' sejbien ta' ħtija.

**Għalhekk il-Qorti qegħda tiċħad l-eċċezzjoni C.4.**

63. Kwantu għall-eċċezzjoni C.5 l-akkużat jilmenta li x-xiehda u r-relazzjoni ta' Sergio Zampa kellha tiġi sfilzata in kwantu l-evalwazzjoni tal-istess espert saret fl-assenza tal-akkużat.

64. Matul is-seduta tat-13 ta' Mejju 2020, Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ħatret lil Sergio Zampa biex jagħmel stima ta' kemm jiswew sitt 1/10 Krugers li fihom 2.8 grammi ta 24 carat gold.

65. Sergio Zampa xehed matul is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2020. Mix-xiehda tiegħu jirriżulta li huwa wasal biex ta valutazzjoni ta' mija ħamsa u sebgħin euro (€175) esklużi it-taxxa fuq il-valur miżjud. Imbagħad fis-seduta tad-19 t'Ottubru 2020 Sergio Zampa reġgħa xehed u informa lil Qorti bi stima għal sitt muniti.

66. L-espert li jagħti valutazzjoni irid jistrieħ fuq ir-riċerka li huwa jkun għamel kif ukoll fuq l-għarfien li huwa jkollu tas-suq partikolari tiegħu. Ma jirriżultax li f'dan il-każ l-espert semgħa xi xhieda jew inkella għamel xi esperimenti li kienu jeħtieġu l-preżenza tal-akkużat. Akkużat ma jistax jippretendi li jkun preżenti meta espert ikun qiegħed jagħmel riċerka jew valutazzjoni tiegħu in kwantu dan la huwa meħtieġ bil-Liġi u l-anqas huwa prattikabbli.

**Għalhekk din l-eċċezzjoni C.5 qegħda tiġi miċħuda.**

67. L-akkużat talab ukoll l-isfilz tax-xiehda ta' David Borg billi dan ma ingħata ebda inkarigu minn ħadd bħala espert biex huwa jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-valur tad-deheb fid-dati rilevanti għal dan il-każ.

68. Dwar dan il-punt l-akkużat għandu raġun. Ma jirriżulta minn imkien li David Borg li xehed a fol 80A kien maħtur bħala espert tekniku biex jirrelata dwar il-valur tad-deheb fiż-żmien rilevanti għal dan il-każ.

**Għalhekk din l-eċċezzjoni C.6 timmerita li tiġi milqugħa u konsegwentement il-Qorti tordna l-isfilz tax-xiehda ta' David Borg f'paġna 80A u 80B mill-atti ta' dan il-każ.**

# KONKLUŻJONI

**Għaldaqstant stante li ma għadx fadal eċċezzjonijiet oħra x'jiġu deċiżi, il-kawża qed tiġi differita "sine die" sakemm ikun deċiż xi appell eventwali u/jew sakemm imissha t-turn tagħha biex tinstema' quddiem din il-Qorti bil-ġurati, skond jekk isirx appell minnha jew le. Sadattant l-akkużat jibqa' taħt l-istess kondizzjonijiet għal dak li jirrigwarda l-ħelsien mill-arrest.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**